# Q O R T I   C I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 13 ta' Marzu 2018**

Rikors Nru.  190 / 17 / 1RGM

Kawza fil-lista:  9

**R F f'isimha propju u bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha minuri Y X mahtura b'digriet datat 17 ta' Awwissu 2017**
**vs**
**T X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors pprezentat mill-konvenut ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja li permezz tieghu ppremettiet u talab is-segwenti:-

"Illi oht l-esponenti giet notifikata bl-atti tal-kawza fuq citata fit-12 ta' Settembru 2017;

Illi l-esponent irid jaghmilha cara illi huwa qatt ma ried juri xi disrispett lejn din l-Onorabbili Qorti izda gara li meta ohtu giet notifikata bl-atti relattivi, din halliethom fuq il-unit fil-kcina u ma nfurmatx lil esponenti li kien gie l-Marixxal u halla numru ta' dokumenti ghal esponenti;

Illi meta l-esponenti induna li ohtu kienet giet notifikata b'kawza, u li din il-kawza kienet tikkoncerna lilu, l-esponenti mar dritt ghand il-konsulent legali tieghu, izda dan kien wara li ghaddew l-ghoxrin (20) gurnata ghal prezentata tar-risposta relattiva;

Illi dan zgur ma jimmeritax is-sanzjonijiet rigoruzi illi jgibu maghhom l-istitut tal-kontumacja, peress illi hawn si tratta ta'xejn anqas minn nuqqas ta' komunikazzjoni bejn l-ahwa;

Illi bhal ma gie ritenut "....il-Qorti tqis l-istitut tal-kontumacja bhata mizura ta' natura punittiva, necessarja biex tassigura serjeta' fil-procedura u r-rispett dovut lejn l-atti emessi mill-Qorti. Mill-banda l-ohra proprju minhabba s-sanzjoni spiss irriversibbli li timporta, ir-rigorozita' tal-procedura, ghondha tigi applikata u interpretata b'mod restrittiv, fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebdo nuqqas da parti tal-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-culpa."

Illi l-Qrati taghna iddecidew li r-rigorozita' tal-procedura ghandha tigi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghal htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumacja titqies bhala wahda gustifikata.

Illi igi umilment rilevat in oltre illi l-esponent gia kellu l-possibilita juri l-qima u r-rispett lejn dina l-Onorabbli Qorti u di piu l-interess assolut illi jikkontesta l-kawza odjerna, meta wiegeb ghar-rikors li kienet ipprezentat ir-rikorrenti fil-proceduri ta' medjazzjoni u anke kien intavola rikors hu stess;

Illi hawn jigi umilment rilevat illi ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha ta' l-esponent li jista' jammonta ghal htija, u ghalhekk ma ghandux ibati s-sanzjoni rigoruza illi ggib maghha l-istitut tal-kontumacja fl-ahjar interess ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja. Dan mhux ghax din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkastiga lill-attur, imma biss tregga' f'postu l-ekwilibriju tal-partijiet fl-ahjar istruzzjoni tal-gudizzju. Wara kollox, kull min jiftah kawza kontro parti ohra ghalkemm forsi jittama ghall-kuntrarju) dejjem jistennew li l-parti l-ohra, malli tircievi l-atti tac-citazzjoni sejra tressaq il-kontestazzjoni taghha."

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbili Qorti jawtorizzah jipprezenta risposta guramentata tieghu u dan salv kull provvediment iehor."

Rat ir-risposta tal-attrici li taqra kif gej:-

"Illi l-esponenti umilment tissottometti illi t-talba tal-konvenut ghall-prezlentata tar-risposta guramentata tieghu ghandha tigi michuda, u dan ghas-segwenti ragunijiet.

Illi mill-atti jirrizulta illi n-notifika sehhet nhar it-12 ta' Settembru 2017, u r-rikors odjern gie intavolat nhar l-20 ta' Ottubru 2017, u ghaldaqstant 38 gurnata wara id-data tan-notifika.

Illi jirrizulta ulterjorment illi ir-rikors guramentat gie konsenjat lil Ms. Angele X; illi hija membru tal-familja tieghu, kif ukoll giet notifikata fir-residenza tal-konvenut. Il-konvenut mhuwiex qieghed jikkontesta l-validita tan-notifika, anzi huwa qieghed jaccetta illi huwa gie debitament notifikat.

Illi l-konvenut qieghed jallega illi huwa kontumaci konsegwenza ta' agir da parti ta' ohtu Ms. Angele X. Fir-rikors tieghu l-konvenut jaghti is-segwenti spjegazzjoni: ‘meta ohtu giet notifikata bl-atti relattivi, din halliethom fuq il-unit tal-kcina w ma nfurmatx lill-esponenti li kien gie il-Marixxal u halla numru ta' dokumenti ghalih. L-esponenti tissotometti illi tali spjegazzajoni hija totalment inverosimili u improbabbli u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Ms. Angele X ghandha 39 sena, u ghaldaqstant wiehed naturalment jikkonkludi illi hija fehmet tajjeb l-importanza u l-implikazzjoni ta' tali notifika da parti ta' huha l-konvenut.

Ms. Angel X tghix fir-residenza illi fiha jghix huha l-konvenut, (u cioe' fid-dar tan-nanniet paterni tal-minuri) u ghalhekk wiehed isaqsi, huwa probabbli illi persuna ta' kwazi 40 sena nsiet tghid lil hutha dwar tali notifika f'perjodu ta' 20 gurnata?

Qieghed jigi allegat mill-konvenut illi Ms. Angele X ‘halliethom (l-atti) fuq il-unit tal-kcina'. Fl-istess residenza jghixu is-segwenti persuni: il-konvenut T X, ohtu Ms. Angel X, huh Mr. Frankie X (ukoll adult), l-omm, il-missier u bint minuri tal-imsemmija Ms. Angel X. Huwa totalment improbbabbli illi sehh dak li qieghed jallega il-konvenut: huwa verosimili illi hadd mill-intsemmi adulti ma kellu l-opportunita' illi jara id-dokumenti propju fuq 'il-unit tal-kcina'; u cioe' f'dik il-kamra fid-dar illi certament illi kulhadd ikun fiha f’xi mument tal-gurnata?

Jigi rilevat illi kemm il-konvenut u ohtu Ms. Angel X jahdmu fl-istess post tax-xoghol, u ghalhekk mhux talli huma membri tal-istess familja u jghixu fl-istess residenza talli il-post tax-xoghol huwa wkoll komuni.

Ghalhekk, fl-isfond ta' dawn ir-ragunijiet l-esponenti tissottemetti illi dak allegat mill-konvenut m'huwa xejn hlief gustifikazzjoni fjakka tal-kontumacja u disrispett tieghu lejn is-sejha tal-Onor. Qorti. Kjarament, il-konvenut m'ghandux dik il-‘kawza gusta' sabiex tigi gustifikata il-kontumacia tieghu.

Illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument, wiehed jasal biex jemmen illi dak allegat mill-konvenut huwa dak li sehh fir-realta', il-Qrati taghna dejjem kienu konsistenti dwar il-kwistjoni ta' kontumacja konsegwenza ta' agir ta' membru tal-familja. F’dan ir-rigward issir referenza ghas-segwenti:

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Joseph Delceppo vs Onorevoli Raymond Bondin et ritenit illi: 'l-artikolu 187 tal-Kap 12, iqieghed dmir fuq ic-cittadini kollha li jaqtghu taht il-gurisdizzjoni taghha li jaraw u jassikuraw li dawk il-persuni kollha li jghixu maghhom fid-dar fejn joqghodu jikkonsenjawlhom l-ittri li jircievu.

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili 'qieset li notifika ta' citazzjoni fil-konfront ta' mara mizzewga f'idejn ir-ragel taghha fil-hanut fejn dan kien jahdem kienet valida peress illi l-mens legis hu certament li wiehed jippresumi li membri tal-istess familja li jghixu fl-istess dar jghaddu dokumenti ta’ certa importanza importanza lill-xulxin.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti l-esponenti tissottometti illi din l-Onor. Qorti ghandha tichad it-talba kontenuta fir-rikors tal-konvenut tal-20 ta' Ottubru 2017, bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.”

Semghet ix-xhieda tal-konvenut T X kif ukoll ta’ Angele X fl-udjenza tal-24 ta’ Jannar 2018;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet ipprezentati mill-partijiet;

Rat illi r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza dwar it-talba tal-konvenut T X ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tieghu u ghall-awtorizzazzjoni li jipprezenta risposta guramenta;

Ikkunsidrat;

L-attrici fethet din il-kawza kontra l-konvenut b’rikors guramentat ipprezentat fl-14 ta’ Awwissu 2017. B’digriet taghha tas-17 ta’ Awwissu 2017, il-Qorti appuntat il-kawza ghas-smigh ghal nhar is-7 ta’ Novembru 2017 u ordnat in-notifika tal-konvenut. Wara li nhareg l-avviz ta’ l-appuntament tal-kawza, il-konvenut gie notifikat bir-rikors guramentat ta’ l-attrici, id-dokumenti annessi mieghu, kif ukoll bl-avviz ta’ l-appuntament tal-kawza u, skont ir-riferta stampata *a tergo* ta’ fol. 13 tal-process, jirrizulta illi l-konvenut gie notifikat b’dawn l-atti fir-residenza tieghu fit-12 ta’ Settembru 2017 billi thallew f’idejn ohtu Angele X li ghandha l-Karta tal-Identita` Numru 389678M.

Il-Qorti tosserva illi l-konvenut mhux qed jikkontesta l-validita` tan-notifika, anzi qed jaccetta li huwa gie validament notifikat.

In tema legali, **l-Artikolu 158** tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-parti li hija relevanti ghal dan il-kaz, jiddisponi dan li gej:-

***158.*** *(1) Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba.*
...
*10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi.*

Illi b'applikazzjoni ta' dawn id-dispozizzjonijiet kif ukoll skont ma jirrizulta mill-avviz stampat fuq ir-rikors guramentat ta' l-attrici a tenur ta' l-Artikolu 156(2) tal-Kap. 12, il-konvenut kellu ghoxrin gurnata minn meta gie notifikat bl-istess rikors guramentat, sabiex jipprezenta r-risposta guramentata tieghu fir-registru ta' din il-Qorti, <u>liema terminu f'dan il-kaz ghalaq fit-2 ta' Ottubru 2017</u>, li kien il-jum tat-Tnejn.

Illi jirrizulta mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta guramentata, izda ipprezenta rikors biex jiggustifika l-kontumacja tieghu fl-20 ta' Ottubru 2017, cioe` <u>tmienja u tletin (38) gurnata</u> wara li huwa gie notifikat bir-rikors guramentat tal-attrici.

Illi fl-ewwel seduta f'din il-kawza mizmuma fis-7 ta' Novembru 2017, il-konvenut deher personalment assistit ukoll mill-avukat tieghu, kif deher ukoll fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2018 fejn huwa xehed dwar ir-rikors tieghu tal-20 ta' Ottubru 2017. Il-konvenut ressaq wkoll bhala xhud fl-istess udjenza, lil ohtu Angele X biex tixhed dwar ic-cirkostanzi tan-notifika tal-atti u tal-kontumacja tieghu f'din il-kawza.

Illi biex il-Qorti tista' tasal biex tippronunzja ruhha dwar il-kontumacja o meno tal-konvenut fic-cirkostanzi, ikun opportun illi ssir referenza ghar-*raison d'etre* kif ukoll l-effetti ta' l-istitut tal-kontumacja.

Huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza tal-qrati taghna illi l-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-konvenut, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghat-talba tal-parti attrici, ikun wera dizubbidjenza ("kontumelja") lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi tqis li fih element ta' dizordni socjali u thares lejh bhala agir li jisthoqqlu li jigi punit bis-sanzjoni li l-kontumaci

ma jkunx jista' jippartecipa fil-gbir tal-provi u jikkontesta x-xhieda mressqa mill-attur[1]. Ghalhekk, il-kontumacja hija generalment meqjusa bhala mizura ta' natura punittiva li hija mehtiega sabiex tassigura rispett lejn l-atti emessi mill-Qorti.

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-11 ta' Marzu 2016 fl-ismijiet **Samchrome FZE v. Danko Koncar et[2],** ghamlet referenza ghall-kawza **Kenneth Abela v. Aplan Limited et**[3] fejn gie rapportat:-

"*Trattandosi ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares* ***ad unguem****, in raguni ta' l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f' ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula" (*"***Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu 1997);*** *Jikkonsegwi mill-espressjoni ta' fehma fis-silta mis-sentenza appena citata illi t-terminu procedurali la jista' jigi sanat b' xi adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas prorogat; sospiz jew interrott. Kif gie minn din il-Qorti sa recentement hafna osservat, "in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b' konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita*". *("***Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority", Appell mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007).***"

Fl-istess hin il-Qorti taghraf li l-Ligi, biex ittaffi ftit mill-konsegwenzi horox taghha, u anke in vista tal-principju tal-gustizzja naturali *audi alteram partem*, tipprovdi ghall-prospett ta' gustifikazzjoni tal-kontumacja permezz tas-subinciz (10) ta' l-Artikolu 158 tal-Kap. 12 bl-Att. XXIV tal-1995, fuq citat, fejn il-Qorti ghandha obbligu li tara jekk il-konvenut li jitlob biex jippartecipa fil-proceduri, ghandux ragunijiet validi u gusti sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu.

In materja, gie ritenut li l-prezenza tal-konvenut fil-proceduri, wahedha u bla raguni valida ta' gustifikazzjoni ta' kontumacja, ma hiex bizzejjed sabiex il-konvenut jinghata l-opportunita` jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu. Altrimenti:-

*"... l-istitut tal-kontumacja jigi dilwit sal-punt li jigi rez kompletament bla effikacja u inoperattiv kull fejn il-konvenut jaghzel li jidher fl-ewwel*

[1] **Dr. Aaron Galea Cavallazzi noe v. Asfaltar Limited –** Prim'Awla 284/2014, deciza 23 Lulju 2014

[2] Rikors 843/14.

[3] Appell Civili [Inferjuri] deciza fis-6 ta' Frar 2008.

*seduta……… Din l-interpretazzjoni hi wahda li tmur kontra mhux biss kontra l-ittra u l-ispirtu tal-ligi, imma ukoll kontra kull sens ta' gustizzja procedurali kif espressa fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.....''*[4]

Fid-dawl ta' din ir-rigorozita` fl-applikazzjoni tat-termini procedurali stipulati mil-Ligi u, fil-kaz tal-kontumacja, tal-effetti mill-iktar drakonjani u s-sanzjonijiet spiss irriversibbli li jgib mieghu in-non osservanza tat-terminu stipulat fl-Artikolu 158(1) ghall-prezentata tar-risposta guramentata, gie wkoll ritenut li l-istitut tal-kontumacja ghandu jigi applikat u mfisser fis-sens li, fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kienx hemm nuqqas volut li jsarraf fi htija da parti tal-konvenut, il-kontumacja tista' tkun gustifikata.

*"Illi pero` sabiex tigi gustifikata l-kontumacja, trid tkun gusta kawza (**"Paul Grixti vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici"**); u tali kawza gusta trid tikkonsisti fl-impediment legittimu (XXXVIII.i.393); biex ikun legittimu tali impediment irid ikun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci (XLII.i. 811; XXIX.i.1581), b'dan ghalhekk li l-konkluzjoni logika ta' dawn il-principji huwa illi "f'materja ta' purgazzjoni tal-kontumacja gie dejjem ritenut li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-"culpa" u f'dak il-kaz il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn ghaliex "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire" (**"Carmelo Bugeja vs Mary xebba Farrugia"** A.C. 16 ta' Frar 1996.).*[5]

Illi fil-gurisprudenza tal-qrati taghna, sa minn dejjem saret distinzjoni ghall-finjiet tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja, bejn il-konvenut li juri disinteress assolut (dak li jissejjah kontumacja bi htija), u l-konvenut li juri li kien intenzjonat jikkontesta l-kawza izda ma lahaqx ghamel dan ghal raguni li ma kienx jahti ghaliha[6]. Fil-fatt il-Qrati taghna konsistentement jaghmlu differenza bejn il-kontumacja bi htija u dik gustifikabbli: il-principji li jirregolaw jekk il-kontumacja hijiex ta' tort jew le huma, b'mod generali, is-segwenti: (a) li l-kontumacja mhix gustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuza; (c) jehtieg li, biex tkun gustifikata, tintwera raguni tajba u gusta; (d) liema raguni trid tissarraf f'impediment legittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-konvenut; kif ukoll (f) li sabiex zball ikun meqjus bhala impediment legittimu, irid ikun zball invincibbli b'mod li (g) l-impediment legittimu li jzomm lill-konvenut milli jressaq il-kontestazzjoni tieghu irid ikun ta' necessita` impellenti; u (h) li l-

[4] **Joseph Aquilina et v. Lino Debono** - Appell Civili, deciz fis-7 ta' Ottubru 1997.
[5] **Maria mart Agostino Zammit pro et noe v. Agostino Zammit** – deciza mill-Prim'Awal fil-11 ta' Marzu 2003.
[6] Prim'Awla: **Gloria Beacom v. Perit Anthony Spiteri Staines**, deciza 9 ta' Dicembru 1993.

impossibilita` li l-konvenut jikkontesta t-talba trid tkun gravi u fizika, u eccezzjonalment biss, wahda morali[7].

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tqis li l-iktar kunsiderazzjonijiet relevanti in materja saru fil-gurisprudenza iktar recenti tal-Qrati nostrani. In propositu, issir referenza ghar-rassenja studjata u approfondita ta' l-istitut tal-kontumacja u ta' l-izviluppi procedurali u gurisprudenzjali matul iz-zminijiet, li saret fis-sentenza **Renato Aquilina et v. Christopher James Arthur Townsend et**[8]**:**

"*Illum il-kontumaċi huwa ppenalizzat billi ma jitħalliex jikkontradixxi l-fatti mressqin mill-attur u lanqas jitħalla jressaq il-provi tiegħu. Id-difiża tiegħu hija għalhekk imdgħajjfa sew.*

*Illi tqum il-mistoqsija kemm dan huwa ġust meta l-konvenut ma jkollu l-ebda intenzjoni li jkun tabilħaqq kontumaċi, fis-sens li jiġi jaqa' u jqum minn x'tista' tiddeċiedi l-Qorti, imma ma jagħmilx dak li jkun mistenni minnu minħabba xi mpediment li ma jkollux kontroll fuqu inkella jkun aljenat, inkwetat minħabba xi problemi personali, jew ikollu avukat ittraskurat.*

*Huwa skontat li min-naħa l-waħda impediment estraneu u barra mill-kontroll tiegħu żgur li ma jammontax għall-kontumaċja; u min-naħa l-oħra mhix skużanti n-negliġenza grassa tiegħu. Imma mbagħad hemm każijiet ta' bejn dawn iż-żewġ estremi li jħallu lill-ġudikant f'konfondiment u perplessità dwar jekk il-konvenut ikunx ħaqqu jitħalla jiddefendi ruħu jew le.*

*F'każijiet bħal dawn, fejn il-konvenut għalkemm ma jkollu l-ebda intenzjoni li ma jiddefendix ruħu, u l-ebda intenzjoni li jinjora lill-Qorti, xorta waħda għal xi raġuni jew oħra li titqanqal fiċ-ċirkostanzi varjati tal-ħajja, ma jidhirx fl-udjenza inkella ma jippreżentax ir-risposta tiegħu fit-terminu mogħti mil-liġi, l-imħallfin tagħna matul iż-żmien iddeċidew daqqa favur il-konvenut u daqqa kontra skont id-disposizzjoni tagħhom, kif ukoll skont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ.*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti, f'każijiet bħal dawn, għandha tingħata ċerta indulġenza lill-konvenut. Il-ġudikant qiegħed hemm biex jagħmel il-ħaqq. Il-proċess ċivili huwa bbażat fuq il-prinċipju tal-kontradittorju, li l-iskop pubbliku tiegħu huwa li tingħata deċiżjoni ġusta għall-kontroversji; għan li jintlaħaq ħafna aħjar jekk iż-żewġ partijiet avversarji jipparteċipaw bis-sħiħ. In-nuqqas ta' parti*

[7] **Paul Grixti v. Direttur tax-Xogholijiet Pubblici**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Dicembru 1975. Dawn il-principji gew ribaditi iktar recentement fis-sentenza **Tal-Franciz Construction Limited v. Michale Ciappara**, Prim'Awla, deciza fil-31 ta' Mejju 2013.
[8] Rikors 696/16/LM, deciza 11 ta' Jannar 2016.

*f'kawża ossija l-kontumaċja jista' jkollha konsegwenzi serji u għalhekk trid tiġi evitata kemm jista' jkun.*

*Il-Qorti tagħmilha ċara iżda li l-indulġenza li għandha turi ma tistax, u m'għandhiex, tkun mingħajr limitu. U l-limitu għandu jkun il-kunsiderazzjoni l-oħra, daqstant ieħor ta' ordni pubbliku, li l-kawżi m'għandhomx jitħallew jitwalu mingħajr bżonn jew b'kapriċċ tal-litigant jew tal-istess Qorti, għax dewmien bħal dan ukoll isarraf f'inġustizzja mal-kontroparti, normalment l-attur, li m'għandhiex tiġi ppreġudikata, kif ukoll mal-Istat u s-soċjetà in ġenerali li jsofru preġudizzju kbir ta' natura soċjo-ekonomika: Interest rei publicae ut sit finis litium."*[9]

Ikkunsidrat;

Illi fil-kawza odjerna, il-konvenut jispjega fir-rikors tieghu[10] illi huwa ma kienx jaf li gie notifikat bir-rikors guramentat ta' din il-kawza, ghaliex in-notifika saret f'idejn ohtu Angele X li halliet id-dokumenti "*<u>fuq il-unit</u> fil-kcina"*[11] u nesiet tinfurmah bihom. Huwa evidenti li l-konvenut jipprova jinkolpa lil ohtu ghall-kontumacja tieghu, u jkompli jfisser fir-rikors tieghu illi kif huwa "*induna li ohtu kienet giet notifikata b'kawza, u li din il-kawza kienet tikkoncerna lilu*", mar dritt ghand l-avukat tieghu u pprezenta r-rikors odjern ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tieghu. Kif gia` osservat, dan kollu gara 38 gurnata wara n-notifika validament imwettqa.

Illi sussegwentement, fid-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti[12], il-konvenut xehed illi fir-residenza tieghu joqghodu wkoll ohtu l-imsemmija Angele X li laqghet in-notifika tar-rikors guramentat, bintha, huh, kif ukoll missieru u ommu[13]. Huwa jispjega ulterjorment illi:-

"*... darba fost l-ohrajn qieghed fil-kcina fejn ghandna fejn nitfghu l-affarijiet u l-karti <u>ttawwalt</u>, sibt dawn id-dokumenti li <u>qatt ma kont rajthom</u>, ftahthom u rajt Qorti...*"[14]

In kontro-ezami, l-istess konvenut, filwaqt li stqarr li ma jiccekkjax regolarment fil-post fejn tigi merfugha l-korrispondenza fir-residenza tieghu, biex jara tkunx waslitlu xi korrispondenza, xehed ukoll hekk:-

[9] Sottolinejar tal-Qorti.
[10] Rikors tal-20 ta' Ottubru 2017.
[11] Sottolinejar tal-Qorti.
[12] Udjenza tal-24 ta' Jannar 2018.
[13] Jirrizulta wkoll li l-konvenut u ohtu jahdmu fl-istess post tax-xoghol.
[14] Sottolinejar tal-Qorti.

"*Ghax dak qisu post jien ghalija fejn ikollok il-karti, titfali l-karti tal-bank li jigu u hekk. Jiena mort normali hemm rajt li dawk mhux bhal tal-bank .... Staqsejtha lilha, dik nesiet. Lanqas kienet taf li hawn dawn il-karti ...Ma tantx niccekkja, x'hin nara karta imur niccekkja jew hekk. Ma tantx niftahha."*[15]

Ikkunsidrat;

Illi oht il-konvenut, Angele X, li laqghet hija stess ghan-nom tal-konvenut in-notifika tar-rikors guramentat ta' din il-kawza, ukoll xehdet[16] dwar ic-cirkostanzi relevanti, u filwaqt li kkonfermat li hija tghix fl-istess residenza mal-konvenut u l-membri l-ohra tal-familja taghhom, fissret illi fiz-zmien meta waslu ghandha d-dokumenti tal-Qorti ghal huha, hija kienet ghadha kif ghamlet operazzjoni u kienet aljenata bil-problemi medici taghha. Ghalkemm ix-xhud spjegat illi hi tefghet il-karti li rceviet "*fil-unit tal-kcina*" u nesiet tinforma lil huha bihom, il-Qorti ma tistax ma tosservax li waqt id-depozizzjoni taghha, hija xehdet testwalment hekk:-

"Il-Qorti: *Imbaghad meta ergajt smajt fuq il-kaz?*
Xhud: *Le mbaghad hu ftakar, wara certu zmien ftakar.*
Il-Qorti: *Xi ftakar?*
*... omissis...*
Xhud: *Wara ftakar wahdu.*
Il-Qorti: *Ftakar wahdu xiex imma?*
Xhud: *Li ghandu nahseb il-karti u hekk.*"

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti hija konkordi mal-gurisprudenza l-aktar kostanti fuq il-materja tal-kontumacja illi l-gustifikazzjoni tal-kontumacja ghandha tkun l-eccezzjoni u mhux ir-regola, u dan ghaliex tqis li t-termini ghall-prezentata ta' atti gudizzjarji, stabbiliti statutorjament, qeghdin hemm biex joholqu sistema procedurali stabbli u uniformi li huma elementi essenzjali f'kull process gudizzjarju. Ghalhekk, taqbel ukoll illi filwaqt li l-konvenut irid jafferma kawza gusta sabiex jissana l-kontumacja tieghu, kawza li tkun attribwibbli ghall-volonta` jew *culpa* tieghu, m'hijiex 'kawza gusta'[17].

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li hekk kif ritenut fil-gurisprudenza nostrana, "*f'materja ta' purgazzjoni tal-kontumacja gie dejjem ritenut li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza*

[15] Sottolinejar tal-Qorti.
[16] Fl-istess udjenza tal-24 ta' Jannar 2018.
[17] **Victoria Tabone et v. Daniel Orsini** – Prim'Awla; deciza 4 ta' Lulju 2017

*gusta jkun hemm il-"culpa" u f'dak il-kaz, il-persuna ma tkunx tista' tilmenta minn xejn ghaliex "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire*"[18].

Mizmumin ferm dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra taghmel is-segwenti osservazzjonijiet dwar il-fatti ta' dan il-kaz.

Ikkunsidrat;

Illi filwaqt illi l-konvenut inizjalment jghid li l-karti thallew fuq il-unit tal-kcina, fid-depozizzjoni tieghu fisser li l-korrispondenza li tasal fir-residenza tithalla fil-unit tal-kcina. Ohtu, filwaqt li tikkonferma li l-karti poggiethom fil-vetrina tal-kcina u ma tatx kashom, sussegwentement stqarret li l-konvenut eventwalment "*ftakar*" li ghandu dawn il-karti. Il-Qorti, li semghet lil din ix-xhud tiddeponi quddiemha, ma ghandhiex wisq ezitazzjoni biex tikkonkludi, anke fl-assjem tal-kontradizzjonijiet li jirrizultaw bejn il-verzjoni ta' fatti moghtija mill-konvenut fir-rikors u sussegwentement fid-depozizzjoni tieghu, kif ukoll l-inkonsistenza fix-xhieda ta' ohtu Angele X, illi l-gustifikazzjoni li jipprova jaghti l-konvenut ghall-kontumacja tieghu, m'hijiex konvincenti u attendibbli.

Fil-fehma taghha u mehud qies tar-rizultanzi tax-xhieda, m'huwiex verosimili li l-konvenut ma giex infurmat minn ohtu jew altrimenti ma kienx jaf bid-dokumenti li waslulu mill-Qorti. Wara kollox, jekk il-konsenja tal-kopja tal-att issir lil wahda mill-persuni indikati mill-ligi fl-Artikolu 187(1) tal-Kapitol 12, ghandu jigi prezunt ghall-finijiet tan-notifika illi hija waslet ghand id-destinatarju[19], u ma hemm xejn fl-atti li tikkonvinci lill-Qorti li din il-presuzjoni giet meghluba f'dan il-kaz. Pjuttost, hija l-fehma tal-Qorti illi oht il-konvenut, li jidher li fehmet tajjeb li d-dokumenti kienu mill-qorti ghaliex stqarret li hi wkoll kienet irceviet atti gudizzjarji, kienet infurmat lil huha li kien ircieva dokumenti mill-Qorti u kien il-konvenut innifsu li ma agixxiex dwarhom tempestivament.

Il-Qorti tqis ulterjorment illi jekk dato ma non concesso illi oht il-konvenut ma gharfitx lill-konvenut bid-dokumenti in kwistjoni, l-uniku ipotesi alternattiv li jista' jigi ragjonevolment ipprospettat mir-rizultanzi tal-provi akkwiziti, huwa li l-konvenut naqas milli jittawwal fil-post fejn solitament tigi merfugha l-korrispondenza fir-residenza tieghu biex jivverifika x'korrispondenza kien ircieva, ghal xejn anqas minn 38 jum shah. Ipotesi din li m'ghandhiex mill-verosimili u mhiex qed tigi accettata mill-Qorti.

Meta jigi kkonsidrat illi l-konvenut kien ghadu kif ghadda mill-proceduri ta' medjazzjoni u ghalhekk kien jaf li l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bil-kawza

---

[18] **Carmelo Bugeja v. Mary xebba Farrugia**, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Frar 1996

[19] Ara f'dan is-sens **Albert Mizzi noe v. Direttur tax-Xogholijiet**, deciza fid-19 ta' Frar 1990, Vol. LXXiV.iii.451.

dwar il-mertu tal-vertenza bejnethom u li ghalhekk kien hemm il-possibbilita` ossia il-probabilita' illi ser jigi notifikat bil-kawza relattiva fi zmien prossimu, il-verzjoni tal-konvenut m'ghandhiex mill-verita'.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li f'dan l-kaz isib riskontru pjen l-insenjament moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Alison Grech v. Karl Joseph Grech**[20], citata wkoll mill-attrici[21], fejn filwaqt li saret referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Paul X et v. Anthony Ellul**[22], gie ritenut illi:-

*"... gie applikat l-istess principju meta n-nuqqas ikun minn membru tal-familja tal-konvenut – dan ibbazat fuq il-principju li "jekk ma jkunx hemm ebda nuqqas da parte tal-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-culpa:- ma ghandu jkun hemm ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata".*

Izda fil-kaz odjern huwa manifest illi thares fejn thares, kien hemm kulpa mhux skuzabbli da parti tal-konvenut, b'mod li din il-Qorti ma tistax tirravviza fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, xi zball invincibbli, jew haga gravi, accidentali u indipendenti mill-volonta` tal-konvenut li jikkostitwixxi impediment legittimu li jikkontesta l-kawza. Anizikke` raguni tajba u gusta, dak li jirrizulta huwa pjuttost disinteress assolut u evidenti, jekk mhux ukoll negligenza grassa, da parti tal-konvenut fl-atti gudizzjarji.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi ghaldaqstant, u abbazi tal-principji fuq elenkati, il-Qorti tiddikjara lil konvenut, ma rnexxielux jiggustifika l-kontumacja tieghu kif trid il-ligi, u ghalhekk m'hijiex sejra tilqa' t-talba tieghu sabiex jipprezenta risposta guramentat f'din il-kawza.

**Decide**

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi tiddikjara li l-konvenut ma rnexxielux jiggustifika l-kontumacja tieghu u tichad ghalhekk it-talba tieghu fir-rikors tal-20 ta' Ottubru 2017 ghall-awtorizzazzjoni biex jipprezenta risposta guramentata f'din il-kawza.

L-ispejjez ta' dan l-episodju jhallashom il-konvenut.

---

[20] Deciza 17 ta' Gunju 2003.

[21] Nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici, pprezentata fil-21 ta' Frar 2018.

[22] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza fl-4 ta' Lulju 1991.

**Imhallef** **Deputat Registratur**